# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 295/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Rizzo**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Rizzo**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 246462(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fl-20 ta' Settembru 1998 u fid-disa' xhur ta' qabel din id-data:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien

awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ u dan bi ksur ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u ta' Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati) u ta'Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Novembru 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' imputazzjoni (b), sabet lill-imputat mhux ħati tal-aggravju tad-distanza formanti parti mill-imputazzjoni (a) u lliberatu mill-istess aggravju u, wara rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta'

imputazzjoni (a) in kwnatu huwa traffika d-droga kokajina u kkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' elfejn Euro (€2,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas minnu f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200), bl-ewwel pagament kellu jsir fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk huwa kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi* ***TIKKONFERMAHA*** *in kwantu għat-tieni akkuża, fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha u kif ukoll* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti ta' l-ewwel imputazzjoni fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-aggravju tad-distanza u b'hekk illiberatu mill-istess aggravju, u dan filwaqt illi* ***THASSAR U TIRREVOKA*** *dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu sabet lil appellanti ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni fejn sabitu ħati li traffika d-droga kokajina, u b'hekk* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħha u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnha; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' April 2022 (*a fol.* 278) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fl-24 ta' Jannar 2023 (*a fol.* 294) fejn il-Bord

informa lil din il-Qorti kif preseduta li kien qed jagħlaq il-każ b'suċċess.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fid-29 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 307) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret rriżulta li l-appellant kellu biss dawn il-proċeduri fi stadju ta' appell.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Jirriżulta li xi żmien qabel ma tressqet iċ-ċitazzjoni kontra l-appellant allura imputat f'dan il-każ li l-Pulizija, fuq kwistjonijet separati, kienu arrestaw lil ċertu James Muscat u Clifford Sultana. Iż-żewġ persuni msemmija kellhom fil-pussess tagħhom id-droga u t-tnejn li huma ddikjaraw li huma kienu xtraw id-droga in kwistjoni minn għand ċertu Joseph Rizzo. B'din l-informazzjoni, il-Pulizija bdiet investigazzjoni li eventwalment wasslet sabiex l-appellant allura imputat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti akkużat biż-żewġ imputazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-

proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u sa fejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dana minħabba li skont hu mill-provi mressqa hi qatt ma seta' jkollha l-livell ta' ċertezza neċessarju minħabba li l-provi kienu jaqgħu l-bogħod mill-grad rikjest mil-liġi. L-appellant jinnota li huwa ma għandu għalfejn jipprova xejn minħabba li dan huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni. Jisħaq li rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, il-Qorti għandha tillibera stante li tali kunflitt għandu jmur a benefiċċju tiegħu. Huwa jilmenta li l-unika prova li nġiebet għajr għax-xiehda tal-Pulizija kienet ix-xiehda ta' Clifford Sultana u James Muscat. Jispjega li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' imputazzjoni (b) li kienet dwar droga *ecstasy* u wżat ix-xiehda dwar l-*ecstasy* sabiex issib ħtija dwar imputazzjoni (a) li kienet dwar kokaijna. Għalhekk jisħaq li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issibu ħati dwar l-ewwel imputazzjoni.

Illi l-appellant jirreferi għal dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar ix-xiehda ta' Clifford Sultana u jilmenta li l-Ewwel Qorti żewġet ix-xiehda ta' Sultana ma' dik ta' Muscat u waslet għal konklużjoni li t-tnejn ipprovdew l-istess dettalji dwaru. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq ċerti elementi mix-xiehda ta' Sultana minħabba li ma kinitx veritjera. Ikompli jgħid li minħabba f'hekk issejjaħ jixhed l-iSpettur Neil Harrison sabiex iwarrab kull dubju li seta' kien hemm dwar dawk l-istanzi fejn ix-xhud nesa dak li qal fl-istqarrija. In vista ta' dan, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta qieset li temmen b'mod selettiv ix-xiehda ta' xhud li ma kienx ta' min joqgħod fuqu.

Illi dwar ix-xiehda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, l-appellant jilmenta li l-osservazzjoni dwar il-vann bir-riklam "Kleen Flo" kienet saret wara l-imputazzonijiet li bihom ġie akkużat hu (l-appellant). Ikompli li l-Ewwel Qorti kellha tidħol f'dak li jikkostitwixxi r-responsabilita' kriminali u li att ma jitqiesx kriminali jekk ma jkunx hemm preżenti l-element formali tar-reat. Jargumenta li jekk ma hemmx *dolus* jew *culpa*, allura ma hemmx responsabilita' kriminali. Jgħid li għalhekk ix-xiehda li straħet fuqhom l-Ewwel Qorti sabiex issib ħtija ma kienux kredibbli minħabba li kienu inkonsistenti u għalhekk l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata u konsegwentement il-verdett tal-Ewwel Qorti ma kienx wieħed *safe and satisfactory.*

Illi din il-Qorti tibda bl-ilment imressaq mill-appellant dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni mogħtija minn James Muscat meta dan kien qed jixhed fuq imputazzjoni bl-ittra (b). Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant f'dan ir-rigward. Filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti wżat ix-xiehda ta' Muscat daqstant ieħor jirriżulta li l-Ewwel Qorti straħet fuq id-dikjarazzjonijiet tax-xhud Clifford Sultana meta dan bil-ġurament ikkonferma l-istqarrija tiegħu ħlief għal xi punti li kkorreġa waqt ix-xiehda tiegħu.

Illi, apparti dak li ngħad hawn fuq, skont Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għal reati taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' Artikolu 120A(2A) tal-istess

Kapitolu, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li min għandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.

Illi skont Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."

Illi fir-rigward ta' Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Johann Zammit** (Numru 147/00) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Issa, huwa veru li l-unika xhud kontra l-appellant hija l-imsemmija Agius. Skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101, id-depożizzjoni ta' din ix-xhud ma tirrikjedix il-korroborazzjoni li normalment hi rikjesta fil-każ tad-depożizzjoni tal-kompliċi. Dan jitfa' responsabbilta' kbira fuq il-qorti – kemm l-ewwel qorti kif ukoll din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – li teżamina sew u bid-dettal id-depożizzjoni tagħha u ta' xhieda oħra biex tara jekk għandhiex temmen li din Agius, speċjalment f'dik il-parti fejn tgħid li l-erojina ingħatat lilha mill-appellant."

Illi rigward Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Malcolm Joseph Falzon** (Numru 9/2017) fejn il-Qorti Kriminali għamlet is-segwenti sunt:

> "43. Minn din il-ġurisprudenza jemerġu ċerti prinċipji legali, fosthom is-segwenti:
>
> i) Bħala regola fi proċeduri kriminali mibdija taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi jagħmel konfessjoni bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti;
>
> ii) Din id-dikjarazzjoni ġuramentata tista' sservi ta' prova fi proċeduri kriminali in kwantu tali xhieda hija ammissibbli u valida dment li tkun magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;
>
> iii) L-istess dikjarazzjoni ġuramentata tista' anke tkun ta' preġudizzju għal ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi ieħor peress li l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni biss għar-regola msemmija fl-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali;
>
> iv) Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir id-dikjarant ikun għadu meqjus bħala ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu li jkunu għadhom *sub-judice*;
>
> v) Id-dikjarant irid pero' imbagħad jixhed fil-proċeduri kriminali li jkunu inbdew kontra l-persuna jew persuni involuti f'xi reat kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi) Dan id-dikjarant jista' jagħżel li ma jixhedx matul il-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu;

vii) Iżda meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu ġew konklużi b'mod finali u konklussiv, bħala regola, id-dikjarant ikun irid jinġieb biex jixhed fil-proċeduri kontra l-ko-akkużat, ko-awtur jew kompliċi billi jinstemgħa *viva voce* fil-proċeduri kriminali;

viii) Dawn il-proċeduri kriminali jistgħu jkunu dawk istruttorji jew dawk ta' ġurisdizzjoni. Fejn ma jkunx possibbli għad-dikjarant li jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja sabiex ma jinkriminax ruħu, huwa jkun irid pero' jinġieb jixhed quddiem il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ;

ix) Iżda fejn għal xi raġuni, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ma jkunx possibbli li d-dikjarant jinġieb biex jixhed *viva voce* minħabba li jkun evidenti lil Qorti li dik ix-xhieda *viva voce* tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud jew jekk ix-xhud ikun mejjet, jew ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab, ix-xiehda kemm favur kif ukoll kontra l-akkużat **<u>meħuda fl-istadju istruttorju</u>** tista' tinġieb bi prova u dan peress li anke f'dan il-kuntest ġie deċiż li japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) tal-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali;

x) Fil-frattemp pero, sakemm ikun għadu ma xehedx fil-proċeduri penali kontra t-terzi – kemm fl-istadju istruttorju daqskemm f'dawk ta' ġurisdizzjoni – ma jfissirx li d-dikjarazzjoni bil-ġurament tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti *ai termini*

tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta tkun inammissibbli bħala prova jew li fuqha ma tistax tistrieħ teżi akkużatorja;

xi) fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-Artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li l-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżhnu b'kawtela x-xiehda li dak ix-xhud jagħti qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat;

xii) jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra d-dikjarant, hu applikabbli *a contrario sensu* l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali."

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, li din il-Qorti tagħmlu tagħha, fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti korrettement straħet b'kawtela fuq ix-xhieda kollha li ġew imressqa quddiemha bil-konsegwenza li waslet għal konklużjoni li l-appellant kien dak il-persuna li forna d-droga kokajina lil Sultana li minn naħa tiegħu pprova jipproteġi kemm seta' l-identita' ta' min biegħlu d-droga. Iżda affaċjat mill-Ewwel Qorti bl-istqarrija tiegħu huwa kkonferma tali stqarrija bil-ġurament (*a fol.* 148) u konsegwentement ikkonferma l-laqam tal-*pusher* u t-tip ta' vettura li kien juża bil-marka "Kleen Flo" fuqha. Li għamlet l-Ewwel Qorti kien li kkorroborat dak li qal Sultana b'dak li qal Muscat minħabba li ċertu punti tax-xiehda jaqblu b'mod partikolari l-vettura wżata mill-appellant u għalhekk ħa rilevanza r-rikonoxximent tal-appellant magħmul minn Muscat quddiem il-Qorti. Minn dan isegwi li l-verżjoni ta' Sultana fejn huwa ma għarafx lill-appellant ma kienet xejn għajr gidba studjata minnu sabiex jipprova ma jiksiriex mal-appellant.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata li tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Dwar ix-xiehda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (*a fol.* 151 *et seq.)* huwa jispjega li kien għamel sorveljanza fis-sena 2005. Tenut kont li ċ-ċitazzjoni kontra l-appellant allura imputat f'dan il-każ ġiet ippreżentata fis-sena 2008 għandu raġun l-appellant jgħid li dan sar wara l-każ in

kwistjoni. Iżda din ix-xiehda turi li anke wara t-trapass taż-żmien l-appellant xorta kien qed isuq l-istess vann bl-istess marka fuqu.

Illi dwar l-element formali tar-reat din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kien jaf x'kien qed jagħmel. Konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti hemm il-*culpa*. Iżda anke jekk wieħed kellu jemmen lill-appellant xorta jibqa' l-fatt li hu kien konxju li qed jittraffika f'sustanzi illegali u għalhekk seta' jippretendi li jekk jinqabad huwa jkollu jħallas għal tali għemil. Fuq dan il-punt fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), il-Professur Sir Anthony Mamo qal hekk:

> "The first is the material, the second is the formal condition of liability. This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective. If he intentionally chose the wrong, penal discipline will furnish him with a sufficient motive to choose the right instead for the future. If, on the other hand, he committed the forbidden act without wrongful intent, but yet for want of sufficient care devoted to the avoidance of it, punishment will be an effective inducement to carefulness in the future. But if his act is neither intentional nor negligent, if he not only did not intend it, but did his best as a reasonable man to avoid it, there could be no good purpose fulfilled in ordinary cases by holding him liable for it."

Illi anke dwar il-kwistjoni tal-kokajina ċioè li din ma tressqitx waqt il-proċeduri għalkemm din mhux feliċi dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li x-xhud Sultana fil-konferma tiegħu tal-istqarrija jikkonferma wkoll li kien xtara d-droga kokajina mingħand l-appellant. Tenut kont ta' kollox, din il-Qorti hija sodisfatta li mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jisħaq li tenut kont taċ-ċirkostanzi din il-piena hija waħda eżaġerata u eċċessiva. Jargumenta li l-element deterrenti kien aħrax wisq meta wieħed iqis it-triq li ħa l-kamp kriminali fil-qasam riformattiv. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza fejn anke persuni li nstabu li huma reċidivi ngħataw l-opportunita' jirrifurmaw ruħhom. Huwa jilmenta wkoll dwar it-trapass taż-żmien u jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħdu in konsiderazzjoni.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 265), liema talba ġiet milqugħa wara li l-Qorti diversament preseduta rat l-atti u prinċipalment ir-riferenza li saret għad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (*a fol.* 282 *et seq.*) u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jiġi magħluq b'suċċess (*a fol.* 294). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tat-tieni aggravju.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellant li ġie pruvat;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 1998 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-digriet (*a fol.* 282 *et seq.*) tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn issir riferenza għad-depożizzjoni u għal rapport redatt minn Dr. Roberta Holland li rriżultalha li l-appellant kien ilu jabbuża mid-droga minn meta kien għadu tifel u li tul is-snin huwa abbuża minn diversi tipi ta' droga għalkemm prinċipalment mill-kannabis;

- il-fatt illi jirriżulta li l-unika kawża li l-appellant għandu fi stadju ta' appell hija dik odjerna;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant tant li għalaq il-każ b'suċċess.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju

ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija. Għaldaqstant din il-Qorti ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi dwar il-multa ta' elfejn Euro (€2,000) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Joseph Rizzo u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' imputazzjoni (b) u fejn sabet lill-appellant mhux ħati tal-aggravju tad-distanza formanti parti minn imputazzjoni (a) u fejn illiberatu mill-istess aggravju;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (a) in kwantu huwa traffika d-droga kokajina;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elfejn Euro (€2,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas minnu f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200), bl-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk huwa jonqos milli jħallas

pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) mil-lum.

Finalment, il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**